**Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**

**Imħallef**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Seduta tas-26 ta' Settembru 2023**

**Kawża Numru: 4**

**Rik. Ġur. 862/2016 RGM**

**Philip sive Pinu Azzopardi**

**vs.**

**Rosina Cassar**

**Raphael Scerri**

**Silvia Zammit**

**Maria Debono u b'digriet tad-9 t'Awwissu 2021 l-atti ġew trasfużi f'isem Joe Debono iben Maria Debono stante li Maria Debono mietet fil-mori tal-kawża u b'digriet tal-20 ta' Jannar 2022 il-konvenuti Joe Debono u Silvia Zammit ġew estromessi mill-kawża**

**Il-Qorti**

1. Rat li b'rikors ġurament tat-28 ta' Settembru 2016 l-attur ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huwa l-eredi ta' Salvatore sive Salvu Zammit [KI 159028 M] li kien joqghod 86, Triq San Pawl, Safi, u li miet fl-10 ta' Novembru 2010, skond testment maghmul fl-20 ta' Awissu 2010 maghmul minn Nutar Dott. Sandra Bugeja, kopja hawn annessa u mmarkata Dok A;

2. Illi l-intimati intavolaw proceduri varji kontra r-rikorrenti, *inter alia* il-mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 89/11 GCD, il-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/11 JZM, kif ukoll il-kawza 55/11 JA;

3. Illi l-mandati huma *in vigore* minhabba l-kawza bin-numru 55/11 JA, li llum tinsab fl-istadju ta' provi konvenuti, ossia ta' Philip Azzopardi;

4. Illi minhabba l-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/11 JZM, ir-rikorrenti mhux talli ma jistax jaghmel uzu u jgawdi l-wirt tieghu, izda ser ikun qieghed isofri danni kbar konsistenti f'telf ta' dhul mill-operat tal-beni imhollin lilu kif ukoll multi kbar minhabba l-fatt li ma tistax issir id-denunzja *causa mortis*;

5. Illi skond lista prezentata mill-intimati fil-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/11 JZM, kopja hawn annessa u mmarkata Dok B, hemm bosta propejta' immobli, li taghha r-rikorrenti ma jistax igawdi l-frott taghha, kemm fil-forma taghha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu setgha ta bhal per ezempju zvilupp, kirjiet, spekulazjoni u ohrajn;

6. Illi minhabba l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/11 JZM ir-rikorrenti ma jistax jaghmel id-denunzja *causa mortis* u konsegwentament qieghed jinkorri imghax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazjoni opportuna u ghar ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara li l-intimati kawzaw danni lir-rikorrenti konsistenti f'telf monetarju minhabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tieghu, kemm fil-forma taghha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu setgha ta bhal per ezempju zvilupp, kirjiet, spekulazjoni u ohrajn;

2. Tiddikjara li l-intimati kawzaw danni lir-rikorrenti konsistenti minhabba li ma jistax jaghmel id-denunzja *causa mortis* u konsegwentament qieghed jinkorri imghax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;

3. Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand l-ammont ta' danni lir-rikorrenti konsistenti f'telf monetarju minhabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tieghu, kemm fil-forma taghha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu setgha ta bhal per ezempju zvilupp, kirjiet, spekulazjoni u ohrajn;

4. Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta' perit nominand l-ammont ta' danni minhabba li ma jistax jaghmel id-denunzja *causa mortis* u konsegwentament qieghed jinkorri imghax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;

5. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat f'telf monetarju minhabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tieghu, kemm fil-forma taghha meta wiret, kif ukoll fil-forma li hu setgha ta bhal per ezempju zvilupp, kirjiet, spekulazjoni u ohrajn;

6. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat minhabba li ma jistax jaghmel id-denunzja *causa mortis* u

konsegwentament qieghed jinkorri imghax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta;

Bl-ispejjez l-mandat ta' sekwestru, kif ukoll l-imghax kontra l-intimati, li minn issa huma ingunti ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Rosina Cassar, Maria Debono u Silvia Zammit ippreżentata fit-13 t'Ottubru 2016 fejn eċċepew is-segwenti:

1. "In linea preliminari l-azzjoni attrici hi intempestiva u prematura peress illi l-proceduri fl-ismijiet inversi per Citazz Nru. 55/2011/JA, konsegwenti ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, ghadhom ma nghalqux;

2. Illi f'dawk il-proceduri l-eccipjenti qeghdin jitolbu l-impunjattiva tat-testment li bih l-attur gie istitwit eredi, u tali rimedju hu lilhom konsentit mil-ligi. Konsegwentement, ma jistax jigi sanzjonat tali rimedju ghal min ifittex ghall-jeddijiet tieghu;

3. Illi dawn il-proceduri bl-ebda mod ma kienu jostakolawh milli jaghmel id-Dikjarazzjoni Causa Mortis u ghaldaqstant il-pretiza tieghu f'dan il-kuntest hi ghal kollox fiergha;

4. Illi l-attur ghandu jiddikjara taht liema disposizzjoni/jiet tal-ligi huwa qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu;

5. Illi f'kull kaz jinkombi fuq l-attur il-prova tat-temerarjeta' ta' dak dedott mill-esponenti bil-Mandat surreferit u tal-azzjoni konsegwenzjali, u biex jirnexxu t-talbiet tieghu ghad-danni hu jehtieglu jipprova li l-esponenti agixxew in mala fede, kif hekk jghallmu sew id-dottrina u l-gurisprudenza.

6. Illi b'mod generali t-talbiet kollha tal-attur huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u huwa ghandu jbati l-ispejjes tal-istanza.

Salvi eccezzjonijiet ohra."

3. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Raphael Scerri ppreżentata fis-17 t'Ottubru 2016 fejn eċċepixxa hekk:

1. Preliminarjament, l-intempestivita ta' l-azzjoni attrici in kwantu l-proceduri gudizzjarji li ghalihom saret riferenza fir-Rikors Guramentat, jigifieri Citazzjoni Nurmu 55/2011JA, ghadhom ma ntemmux.

2. Illi '*qui suo iure utitur neminem laedit'*: L-eccipjent istitwixxa dawk il-proceduri sabiex huwa flimkien ma persuni ohra jimpunja t-testment li bih l-attur gie istitwit eredi, u kiseb ukoll il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mill-Qorti Civili sabiex izomm lill-attur milli jaccedi ghall-wirt ta' Salvu Zammit. Dawn ir-rimedji huma konsentiti mil-ligi. Konsegwentement, ma jistax jigi sanzjonat tali rimedju ghal min ifittex ghall-jeddijiet tieghu.

3. Illi dawk ir-rimedji ntalbu mill-eccipjent u Rosina Cassar, Maria Debono u mir-ragel ta' Silvia Zammit izda nhargu b'ordni u bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti Civili ghaliex instab li huma mehtiega u gusitifikati sal-grad 'prima facie' kif trid il-ligi. L-ebda agir abbusiv da parti taghhom ma jirrizulta.

4. Illi inoltre, dawk il-proceduri bl-ebda mod ma kienu jostakolawh milli jaghmel id-Dikjarazzjoni '*causa mortis',* u ghalhekk il-pretiza tieghu f'dan il-kuntest hi ghal kollox fiergha.

5. Illi l-attur ghandu jindika taht liema disposizzjoni tal-ligi huwa qed jibbaza l-azzjoni tentata minnu.

6. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jinkombi fuq l-attur il-piz tal-prova tat-temerarjeta ta' dak dedott mill-esponenti permezz tal-mandati ta' deskrizzjoni u ta' inibizzjoni u tal-azzjoni ghall-impunjattiva tat-testment ta' Salvu Zammit, u biex jirnexxu t-talbiet tieghu ghad-danni hu jehtieglu jipprova li l-exxipjent agixxa in mala fede, hekk kif jghallmu sew id-dottirna u l-gurisprudenza.

7. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, it-talbiet kollha ta' l-attur huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt – anzi huma abbuzivi – u huwa ghandu jbati l-ispejjez tal-kawza interament.

8. Salvi eccezzjonijiet ohra."

4. Rat l-atti kollha tal-kawża kif ukoll l-allegat proċess tal-atti tal-kawża 1125/2016 deċiża fis-27 t'April 2017.

5. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fid-19 ta' Jannar 2022 fejn permezz tagħha rtira u ċeda l-kawża *de quo* limitatament fil-konfront tal-konvenuti Sylvia Zammit u Joseph Debono (suċċessur ta' Maria Debono) stante ftehim kif ukoll id-digriet tal-20 ta' Jannar 2022 fejn permezz tiegħu ġie ordnat l-estromessjoni mill-kawża tal-imsemmija Silvia Zammit u Joseph Debono.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fl-14 ta' Diċembru 2022[1] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ippreżentata fid-29 ta' Diċembru 2022[2].

7. Wara li semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

8. L-**attur** xehed permezz t'affidavit fejn spjega li fis-sena 1977 huwa sar jaf lil Salvatore sive Salvinu Zammit u dan peress li l-ġenituri tal-mara tiegħi, dak iż-żmien l-għarusa tiegħu, huma kuġini tal-imsemmi Salvinu Zammit. Jgħid li dan Zammit kien joqgħod viċin omm il-mara tiegħu u kien għalhekk li kien jiltaqa' miegħu spiss. Jgħid ukoll li fis-sena 1979 huwa żżewweġ u marru joqgħodu Ħal Safi viċin il-ġenituri tagħha u viċin dan Salvinu Zammit li kellu d-dar tiegħu madwar mitejn metru 'l bogħod. Jgħid ukoll li lejliet l-ewwel tas-sena 2005 Zammit ġie agrediet f'daru. Jgħid li huwa kien mar jarah l-isptar u kien daħal miegħu sabiex jagħmel x-ray. Jgħid li wara dan l-episodju, Zammit kien kellmu sabiex jibda jmur jgħinu fir-raba u jgħid li huwa aċċetta. Jispjega li minħabba dan l-inkarigu huwa beda jarah aktar spiss u bdew jitkellmu aktar fuq ħafna affarijiet inkluż fuq il-fatt li ħadd mill-kuġini tiegħu ma kienu jmorru jgħinuh. Ix-xhud jispjega li fid-29 t'Awwissu 2010 Salvinu Zammit ittieħed l-isptar u huwa baqa' hemm sal-10 ta' Novembru 2010 u ċioe sal-ġurnata tal-mewt tiegħu. Jgħid li huwa kien imur jarah darbtejn kuljum. Ix-xhud jinsisti li Zammit sal-aħħar baqa' dejjem f'sensih u jifhem x'inhuma jgħidulu. Jgħid li l-arranġamenti tal-funeral u ħlas tiegħu ħa ħsiebhom hu filwaqt li wħud mill-kuġini tiegħu ġew il-funeral però ma kien sema' xejn mingħandhom wara. Jispjega li huwa sar jaf tramite John Busuttil (kuġin ta' Salvinu

[1] Fol 143 et seq tal-proċess.
[2] Fol 152 et seq tal-proċess.

Zammit) li Zammit kien ħalla l-ġid kollu lilu. Kompla jgħid li huwa mar għand in-Nutar Mario Bugeja u kien qallu li l-ewwel kellha ssir ir-riċerka appożita. Erba' ġimgħat wara kkuntatjah in-Nutar sabiex jinfurmah li r-riċerki kienu lesti u mar sabiex jara x'kien jgħid it-testment. Jgħid li huwa jiftakar li n-Nutar spjegalu t-testment fejn kien ħalla mitt elf lira Maltin u d-dar tiegħu lill-Patrijiet u l-kumplament lilu. Jispjega li John Cassar kien mar sabu u qallu li l-għalqa kellha ddur fuqu, jgħid li huwa injorah però ġimagħtejn wara ċempillu sabiex imorru għand in-Nutar ħalli jsir it-trasferiment tal-għalqa però huwa qallu li ma kienx sejjer. Ikompli jgħid li xi ġimgħa wara huwa rċieva l-karti tal-Qorti li kienet il-kawża Ċit Nu 55/2011. Jgħid li huwa qatt ma kien sema' inkluż mingħand il-kuġini ta' Salvinu Zammit stess jallegaw li Salvinu ma kienx moħħu hemm, jgħid li kienet issemmiet biss fil-karti tal-Qorti u ċioe wara li saru jafu li Salvinu kien ħalla l-maġġoranza tal-wirt lilu. Ix-xhud jinsisti li Salvinu kien dejjem mentalment san tant li kien baqa' jsuq sa qabel ma waqa' f'Awwissu tal-2010, kien baqa' jirċievi l-kirjiet u jagħmel l-irċevuti hu stess. Jinsisti wkoll li huwa ma kienx mar ma' Salvinu jagħmel l-aħħar testment tiegħu; jinsisti li huwa sar jaf b'dak li kien fih it-testment wara li saret ir-riċerka meħtieġa. Jgħid li apparti li kien inġust li l-kuġini ta' Zammit jgħidu li huwa ma kienx mentalment san issa li kien mejjet, huwa inġust ukoll li huwa qiegħed ibgħati danni finanzjarji konsiderevoli u ċioe l-imgħax fuq it-taxxi, multi u penali fuq id-dikjarazzjoni *causa mortis*. Spjega li huwa kien ġie "infurmat li in vista tat-testment li għandu preżunzjoni li huwa validu, u li difatti jien qiegħed nagħmel azzjoni li nuri li qiegħed naċċetta l-wirt, fil-preżent jien responsabbli għal-imsemmija taxxi, imgħax u multi."[3]

L-attur xehed in kontro-eżami fejn ikkonferma li għaddejjin proċeduri fejn qiegħed jiġi attakkat t-testment ta' Salvinu Zammit, liema kawża f'Novembru 2019 kienet għada għaddejja.

---

[333] Fol 33 (wara).

9. Xehdet **Bridgette Grixti**, assistenta prinċipali fl-*Inland Revenue Department, Capital Transfer Duty*. Spjegat li d-denunzja tinħadem billi jkollhom id-dokumenti tan-Nutar rigwardanti l-assi u l-valur tagħhom, liema dokumenti jmorru quddiem Bord sabiex jivverifika l-valuri tal-proprjetajiet u jara jekk il-valur huwiex wieħed baxx o meno. F'każ fejn il-valuri m'humiex reali, jiġi inkarigat perit mid-Dipartiment sabiex immur jara l-fond in kwisjtoni. F'każ li l-valur ikun reali, il-karti jmorru għand l-assessuri u tinħadem it-taxxa. Tispjega li t-taxxa tinħadem billi jittieħed l-ammont totali tal-proprjetà diviża bin-numru ta' eredi imbagħad jitħallas bil-5%. Tispjega li f'każ li l-valur li t-taxxa ma taqbiżx €2,300 il-werrieta jkollhom sitt xhur mid-data tal-mewt sabiex ikollhom *rebate* ta' €250; f'każ li ċ-ċifra taqbeż €2,300 il-werrieta jkollhom sena u jekk tinqabeż is-sena, ikun hemm interessi bit-8% kull sena fuq l-ammont tat-taxxa dovuta, liema interessi però ma jaqbżux l-ammont tat-taxxa dovuta. Dwar penali, ix-xhud tispjega li jekk imur il-perit u jgħolli l-valur tal-fond, ikun hemm taxxa addizzjonali ta' 20% fuq id-differenza tat-taxxa li tkun dovuta. Spjegat ukoll li hemm multa ta' 0.75% li tibda tiddekori disgħin ġurnata wara li l-werriet jirċievi l-kont sabiex titħallas id-denunzja u ma jitħallasx. Ippreċiżat li f'każ li jekk miet xi ħadd fl-2010 u l-eredi għamlu d-denunzja fl-2020, l-eredi ħa jeħel 8% għal kull sena li l-werriet għamel id-dikjarazzjoni *causa mortis* tard. Ix-xhud kjarifikat ukoll li l-valur tal-proprjetà trid tkun tas-sena tal-mewt tat-testatur – fil-każ fuq mogħti, tkun il-valur tal-proprjetà fis-sena 2010.

In kontro-eżami ġiet mistoqsija jekk qattx kellhom każijiet fejn il-validità tat-testment tkunx ġiet ikkontestata u allura l-kwistjoni ma tistax issir finali, ix-xhud spjegat li iva u ġeneralment jagħmlu d-dikjarazzjoni *causa mortis* wara li tinqata' l-kawża. Ġiet mistoqsija wkoll jekk ikunx hemm maħfra tal-interessi u penali fi kwistjonijiet bħal dawn, ix-xhud tgħid li hemm formola li timtela u tmur quddiem il-Bord tar-*Remission of Interests* sabiex jiġi deċiż jekk l-imgħax ulterjuri ta' 8% jinħafirx. Ġiet mistoqsija wkoll jekk qattx kien hemm ċirkostanzi fejn id-dipartiment irrifjuta li jirċievi d-dikjarazzjoni u l-ħlas tat-taxxa u x-xhud tgħid li d-dipartiment qatt ma jista' jirrifjuta.

Tikkonferma li d-dipartiment ma jindagax dwar x'kawża jista' jkun hemm; ikun hemm indagar meta jkun hemm talba għal *remission* tal-interessi.

10. Xehed in-**Nutar Mario Bugeja** fejn ikkonferma li huwa għamel l-istima tat-taxxa flimkien mat-8% għal għaxar snin. Jgħid li huwa ma jiftakarx jekk ikalkulax it-taxxa fuq l-istima tal-Perit Mintoff. In kontro-eżami spjega li t-taxxa titħallas biss fuq l-immobbli.

11. Xehed il-konvenut **Raphael Scerri** fejn jgħid li huwa għamel il-mandat t'inibizzjoni kontra Philip Azzopardi sabiex jipproteġi d-drittijiet futuri tiegħu. Jgħid li huma għamlu għomorhom jgħixu ma' Salvinu Zammit u jaf li t-testment ma kellux isir b'dak il-mod u huwa għalhekk li ntavolaw proċeduri jimpunjaw it-testment.

Ikkunsidrat;

**Fatti pertinenti**

12. Preċedentament għall-kawża odjerna, fl-20 ta' Jannar 2011 Nazzareno Zammit, Salvatore Zammit, Rosaria Cassar, Alfred Scerri[4], Maria Debono, Pawlu Busuttil, Giovanni Zammit[5] u Mara Carmela Polidano talbu il-ħruġ ta' Mandat ta' Deskrizzjoni bin-numru 89/2011 kontra Philip sive Pinu Azzopardi, liema mandat ġie akkordat fil-21 ta' Jannar 2011. Kontestwalment mal-imsemmi mandat l-istess rikorrenti[6] intavolaw azzjoni[7] fejn fiha kkontendew li Salvatore sive Salvinu Zammit la kellu s-saħħa u lanqas ir-rieda u fakultajiet intellettwali sabiex ikun jista' jagħmel testment bil-libera volontà tiegħu u għalhekk talbu lill-Qorti tiddikjara li t-testment tiegħu tal-20 t'Awwissu 2010 mhux validu skont il-liġi. B'sentenza tat-28 ta' Frar 2020 it-talba

[4] Fil-kawża l-ġudizzju ġie trasfuż f'Raphael Scerri iben Alfred Scerri.
[5] Fil-kawża l-ġudizzju ġie trasfuż f'Silvia Zammit, mart Giovanni (John) Zammit.
[6] Pawlu Busuttil, Nazzareno Zammit, Salvu Zammit u Carmela Polidano ġew estromessi mill-proċeduri.
[7] Rik Gur 55/2011JA preżentement prendenti quddiem il-Qorti tal-Appell.

atturi tal-imsemmija ġiet miċħuda iżda tlett xhur wara u ċioe fit-8 ta' Ġunju 2020 l-atturi f'dik il-kawża intavolaw appell li għadu pendenti.

13. In oltre fit-2 ta' Frar 2011 Alfred Scerri u John Zammit talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 155/2011 kontra Philip sive Pinu Azzopardi fejn talbu lill-Qorti iżżomm lill-intimat milli

> "Jissokta bil-likwidazzjoni, bhala werriet, ta` l-eredita` ta` Saviour Zammit sive` Salvatore sive` Salvinu Zammit, li kellu karta tal-identita` 159028M, iben guvni ta` Francesco Emanuele sive` Manwel u Maria Pia nee` Busuttil, imwieled Safi u residenti 86, Triq San Pawl, Safi, li miet fl-10 ta` Novembru 2010, u dan peress li t-testment tal-20 ta` Awissu 2010, qed jigi mpunjat b`kawza fl-ismijiet "Rosina Cassar et vs Philip sive` Pinu Azzopardi"ipprezentata fl-20 ta` Jannar 2011."

Wara li l-Qorti qieset li "*hija sodisfaatta li, minghajr il-hrug tal-mandat, ma jkun hemm propju xejn li jzomm lill-intimat milli jiddisponi kif jixtieq fil-kwalita` tieghu ta` eredi millassi ereditarji tad-decujus accertat il-fatt li n-nomina talintimat bhala eredi qeghda tigi kontestata b`azzjoni ad hoc*" għaddiet sabiex laqgħet it-talba għal ħruġ tal-mandat kawtelatorju.

14. Fil-mandat imsemmi fil-paragrafu ta' qabel dan, saret referenza għal Mandat t'Inibizzjoni ieħor bin-numru 90/2011, liema mandat kien intalab mill-istess atturi fil-kawża l-oħra. It-talba fil-Mandat t'Inibizzjoni 90/2011 kienet sabiex iżomm lil Philip sive Pinu Azzopardi milli "*jidhol fil-post 86, Triq San Pawl, Safi, milli jiddisponi jew jittrasferixxi jew jikri jew jippleggja l-istess propjeta`, u kull oggett lio jinsab fl-istess propjeta`, inkluz ir-razzett li jinsab fi Triq Lajzer, Safi, u kull oggett li jinsab fl-istess projeta`, inkluz il-muturi tal-hart*." B'digriet mogħti seduta stante fl-1 ta' Frar 2011 il-Qorti ċaħdet it-talba '*Billi prima facie ma jidhirx li r-rikorrenti ghandhom il-jedd*

*minnhom vantat u li f'kull kaz dan il-jedd ma jidhirx li jigu pregudikati rrimeddjabillment fin-nuqqas ta' hrug ta' mandat*".

15. Fl-14 ta' Diċembru 2016 Philip sive Pinu Azzopardi ippreżenta rikors ġuramentat bin-numru 1125/2016 kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit fejn fih ippremetta li fil-5 ta' Settembru 2019 huwa kien intavola mandat ta' sekwestru bin-numru 1287/2016 kontra Rosina Cassar, Raphael Scerri, Maria Debono u Silvia Zammit, liema mandat ġie segwiet bil-kawża odjerna. Fisser li fis-17 t'Ottubru 2016, l-intimati ppreżentaw talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 926/2016. B'digriet tas-7 ta' Diċembru 2016 il-Qorti laqgħet it-talba għar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestr bin-numru 1287/2016. Kompla jfisser f'dan ir-rikors li huwa ġie imċaħħad milli jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu u huwa għalhekk li huwa jrid jikkawtela l-pożizzjoni tiegħu f'każ li tintlaqa' t-talba tiegħu għal ħlas ta' danni. Għalhekk talab lill-Qorti

> "I. Tiddikjara li l-hrug ta` mandat ta` sekwestru huwa necessarju sabiex ir-rikorrenti jikkawtela l-pozizzjoni tieghu kontra l-intimati, *inter alia*, ghal dak li jirrigwardja danni, multi u penali li jigu inkorsi peress li ma tistax tigi pubblika u mhallsa l-causa mortis ta` Salvatore Zammit (KI 159028M).
>
> II. Tordna l-hrug ta` mandat ta` sekwestru sabiex l-esponent jikkawtela l-pozizzjoni tieghu."

B'sentenza tas-27 t'April 2017 din il-Qorti diversament preseduta laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti[8] u għaddiet biex ċaħdet it-talbiet attur.

[8] L-ewwel eċċezzjoni kienet taqra hekk: "Illi in linea preliminari r-rikors intavolat u d-domandi fih kontenuti huwa guridikament irregolari, u konsegwentement inattendibbli ai termini tal-artikolu 836(5) tal-Kodici ritwali."

16. Imiss għalhekk issa li tiġi deċiża l-kawża odjerna. Bl-azzjoni odjerna l-attur qiegħed jippretendi li għandu d-dritt jirreklama d-danni għall-fatt li l-konvenuti talbu u ottjenew il-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni kontrih fuq imsemmi. Jissottometti li dawn l-atti ġudizzjarji ġabulu telf monetarju "*minhabba li ma jistax igawdi l-frott tal-wirt tieghu*"[9]. Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur ikkalkula d-dannu u ssottometta li "l-parametri huma bejn € 193,263.7 u € 231,916.5"[10]. Id-difiża tal-konvenuti huma primarjament tnejn u ċioe li l-azzjoni hija intempestiva u prematura u wkoll li għar-reklamar tad-danni l-attur jeħtieġlu jipprova illi aġixxew b'malintiż.

Ikkunsidrat;

**L-Ewwel Eċċezzjoni : L-azzjoni attriċi hija intempestiva u prematura**

17. Il-konvenuti fissru li l-azzjoni hija intempestiva u dan għaliex il-proċeduri fl-ismijiet inversi bin-numru 55/2011 konsegwenti għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għadhom għaddejjin, f'liema proċeduri qiegħed jintalab l-impunjattiva tat-testment li bih l-attur ġie istitwit eredi. Meta ġiet intavolata l-azzjoni odjerna, dawk il-proċeduri kienu fi stadju ta' provi konvenut. Illum il-ġurnata hemm sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2020 fejn it-talba attriċi (konvenuti fil-proċedura odjerna) ġiet miċħuda, liema sentenza però ġiet appellata fit-8 ta' Ġunju 2020. Għal kull buon fini jiġi osservat li sad-data tal-kitba ta' din is-sentenza l-appell kien għadu mhux appuntat.

18. Sabiex tkun f'qagħda li tiddeċiedi tali eċċezzjoni jeħtieġ li jiġu studjati sew it-talbiet u b'mod partikolari l-premessi li fuqhom huma msawra t-talbiet.

19. Huwa paċifiku li n-natura u l-indoli ta' azzjoni attriċi li tadixxi lill-qorti jirriżultaw mill-att promotur f'dan il-każ Rikors Ġuramentat. In tema legali ssir referenza għas-

[9] L-ewwel talba attur.
[10] Fol 151 tal-proċess.

sentenza **Capua Palace Limited vs. Boris Arcidiacono** mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-30 ta' Jannar 2003 fejn ġie spjegat illi:

> "In-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att tac-Citazzjoni nnifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'l quddiem fil-kawza."[11]

20. L-attur ippremetta fir-raba' premessa li huwa minħabba l-mandat ta' inibizzjoni li huwa ma jistax jagħmel użu u jgawdi l-wirt. Fil-ħames premessa jerġa' jagħmel referenza għall-mandat t'inibizzjoni u l-lista tal-proprjetà immobbli li tagħha ma jistax igawdi l-frott tagħha (kemm fil-forma tagħha kif ukoll bħala żvilupp, kirjiet, spekulazzjoni u oħrajn li huwa setgħa jgawdi minnhom). Fis-sitt u l-aħħar premessa imbagħad jgħid hekk: *"illi minhabba l-imsemmi mandat ta' inibizzjoni bin-numru 155/11 JZM ir-rikorrenti ma jistax jaghmel id-denunzja causa mortis u konsegwentament qieghed jinkorri imghax ta' tmienja fil-mija kull sena fuq it-taxxa dovuta*". L-attur jinsisti li huwa minħabba l-mandat li huwa ma jistax imexxi u mhux minħabba l-kawża li ġiet kontestwalment ppreżentata. Huwa għaldaqstant evidenti li l-pern tal-azzjoni m'hijiex il-kawża, li llum il-ġurnata hija pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, iżda l-Mandat t'Inibizzjoni.

21. L-eżitu finali tal-kawża fil-mertu ma għandu l-ebda rilevanza għall-kawża kif promossa mill-attur. L-attur rabat it-talbiet tiegħu għad-danni unikament fuq il-ħruġ tal-mandati kawtelatorji. Għalhekk skond l-attur il-konvenuti huma responsabbli għad-danni irrispettivament jekk għandhomx raġun fil-mertu. Mod ieħor, skond l-attur il-konvenuti ma kellhomx jedd jottjenu l-ħruġ ta' mandati kawtelatorji kontra tiegħu in kawtela tal-pretensjonijiet tagħhom kif dedotti fil-kawża fil-mertu.

---

[11] Ara wkoll **Paul Muscat vs. John Borg et** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fit-22 ta' Settembru 2020.

22. **In vista tal-konsiderazzjonijiet appena magħmula l-Qorti tqis li l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li l-kawża hija intempestiva ma hiex fondata u għalhekk qed tiġi respinta.**

**Għar-reklamar tad-danni l-attur jeħtieġlu jipprova illi l-konvenuti aġixxew in mala fede.**

23. Kif ġia ritenut, l-attur qiegħed jippretendi li għandu d-dritt jirreklama d-danni għal fatt li l-konvenuti intavolaw Mandat Kawtelatorju t'Inibizzjoni bin-numru 155/2011. B'danni qiegħed ifisser taxxi, imgħaxijiet, multi u penali relatati mal-allegazzjoni tiegħu li ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni *causa mortis* u ma jistax igawdi dak li wiret.

24. Huwa miżmum li f'kawża ta' reklam għall-ħlas ta' danni hemm żewġ stadji li l-Qorti trid issegwi fil-konsiderazzjonijiet tagħha.  L-ewwel jeħtieġ dikjarazzjoni dwar responsabbiltà u t-tieni, f'każ ta' affermazzjoni ta' dik ir-responsabbiltà, ikun imiss l-aċċertament tal-eżistenza u tal-miżura tad-danni.

25. Ġie stabbilit aktar 'l fuq li d-dannu allegatament soffert mill-attur huwa minħabba l-fatt li l-konvenuti ppreżentaw Mandat t'Inibizzjoni. Din il-Qorti tibda billi tagħraf li l-**Artikolu 836 (8)** u **Artikolu 836 (9) tal-Kap.12** jipprovdu ċ-ċirkostanzi fejn jistgħu jiġu attribwiti penali u danni rispettivament wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju.  Iżda kif ingħad fis-sentenza **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Settembru 2002 "fil-waqt li tista' taqbel li c-cirkustanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista jinsab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836(8) tal-Kap. 12, thoss li r-responsabbilita' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-artikolu 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus pater familias."

26. **Artikolu 1030 Kodiċi Ċivili** jipprovdi illi "kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu". Di piu, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16). Jitqies fi ħtija kull min fl-azzjonijiet tiegħu ma jużax il-prudenza, diliġenza, u l-attenzjoni ta' *bonus pater familias* (Artikolu 1032). Għalhekk kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk (Artikolu 1033).

27. Huwa prinċipju aċċettat u fundamentali li jekk persuna teżerċita dritt li jispetta lilha u ċioe jekk persuna tiftaħ kawża *in buona fede* għax verament tħoss li għandha raġun u tgħaddi sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha bi ħruġ ta' mandat kawtelatorju, jekk għal xi raġuni titlef kawża, ma jfissirx li bilfors tkun passibbli għad-danni. Kieku kellu jkun miftiehem mod ieħor ikun qiegħed jingħata lok li min ikun fis-sewwa jitbiegħed li jitlob rimedju mill-Qorti u dan minħabba biża' reali li jitlef kawża, u li konsegwentement ikollu jħallas id-danni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **John Zarb vs. Port Cottonera Limited** ġia ċitata rriteniet li:

> "Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilta' ghad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessibili mil-ligi. Ghalhekk, gie deciz li min jiftah il-kawza u jitlifha, ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju (ara "Farrugia vs Sammut", Kollez Vol. XXXVIII.I.223); u "Barbara vs Fleri" Kollez. Vol. XXVIII.III.695). Huwa meta persuna tagixxi kapriccosament jew b'*mala fede*, li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha."

28. Fil-ġudizzju ewlieni dwar din il-materja fl-ismijiet **Jane Spiteri vs Nicholas Camilleri** mogħtija mill-Prim'Awla fl-10 ta' Jannar 1992 ġew riaffermati s-segwenti prinċipji:

(a) "Illi huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista' jbaghti haddiehor, in omagg ghall-massima "*qui suo iure utitur non videtur damnum facere*", bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-citaddin ma ghandhu bl-ebda mod jigi mxekkel;

(b) Illi tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti ma ghandux jigi abbuzat;

(c) Illi l-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl-ebda mod ma jfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "*Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca*" ("Demajo vs Page" Kollez. Vol. XV. Pg. 34 P.A. 24.1.1985). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi interpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;

(d) Illi tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Calleja vs Carmelo Grima" Kollez. Vol XXXIX. I. 24) nascenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Carbone nomine" Kollez. Vol. XIII. 434), fejn min ikun aixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "*priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite*" ("Mugliette vs Bezzina" Kollez. Vol. XXVI. I. 405);

(e) Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:- "*Il diritto cessa dove comincia l-abbuso…. Riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti I diritti hanno dei limiti.*" Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "*chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagare un'indemnita' al suo avversario….*" (Baudry – Lacantinerie. – Trattato Prattico di Diritto civile – Delle Obligazioni – Vol. VI. Pg. 560)."

29. Kompla jingħad fis-sentenza **Ratan Mohnani vs. Carmelo Stivala** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-11 ta' Ġunju 2010 li l-prinċipju ta' dritt f'talbiet bħal dawk imressqu mill-attur huma li:

"(1) Il-prova tat-temerarjeta tal-pretensjoni tal-konvenut fil-kawza l-ohra kienet tinkombi fuq l-attur, u biex tirnexxi t-talba tieghu ghad-danni minhabba dik ir-raguni hu htieglu jipprova li l-konvenut agixxa in mala fede. Hekk, kif jinzel minn gurisprudenza konkordi, filwaqt li hu ammess illi "*è lecito al vincitore in una lite di esigere dal soccombente i danni*" dan huwa hekk koncess "*nella sola ipotesi quando il vincitore stesso è in grado di stabilire che il soccombente abbia litigato dolosamente per malizia o colposamente per grave negligenza*" ("**Negte. Carmelo Delia -vs- Giovanni Xuereb**", Appell Civili, 9 ta' Mejju, 1932). Gja infatti nghad qabel din illi "*colui che in buona fede credendosi in diritto prende i passi opportuni ai termini di legge contro un altro non è passibile di danni che questo ultimo viene in conseguenza a soffrire anche si vi rimane soccombente*" ("**Barbara -vs- Fleri *proprio et nomine***", Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Frar, 1931, konfermata in sede Appell fis-7 ta' Dicembru, 1931);

(2) Qaghda konsimili ghal din tas-sentenzi accennati kienet diga prevalenti fil-kazijiet domandanti d-danni minn min ikun kwerelat jew denuncjat b'reat kriminali, u fejn id-decizjoni tkun iddeterminat li dan l-istess reat ma jissussistix. Ukoll hawn kien ritenut illi ghas-success ta' l-azzjoni ghar-rizarciment ried jinstab illi l-kwerela jew id-denuncja saret "*con dolo o almeno colpa aquiliana*". Ara "**Reynaud -vs- Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Dicembru, 1869, "**Terreni -vs- Rapinett**", Appell Civili, 2 ta' Jannar, 1874 u "**Barbara -vs- Cordina**", Appell Civili, 17 ta' Frar, 1928, fost hafna ohrajn;"

Kompla jingħad li

"[...] il-mandat, ghalkemm kawtelatorju, il-konvenut-kreditur f'dik il-kawza ried iqieghed fis-sigur il-kreditu tieghu. Dan, del resto, jinzel bic-car mid-dispost ta' l-Artikolu 829 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Jinghad fis-sentenza "**Smith -vs- Crabbe**", Appell Civili, 24 ta' Marzu, 1873 illi "*i danni ed interessi non sono dovuti nel caso di spedizione di un mandato se non si prova che egli abbia agito con negligenza, imprudenza o disattenzione*";

Proprju in tema ghall-Artikolu 1030 Kapitolu 16 precitat gie sostanzjalment ritenut, b'rijaffermazzjoni tal-gurisprudenza prevalenti fuq esposta, illi "dan ma jfisserx li kull min jitlef kawza ghandu wkoll jirrispondi ghad-danni ghax min jezercita dritt tieghu mhux responsabbli ghad-danni li jistghu jigru, sakemm il-pretensjoni tieghu ma tkunx arbitrarja jew kapriccjuza" ("**Andrea Farrugia -vs- Giuseppe Sammut**", Appell Civili, 8 ta' Novembru, 1954)."[12]

30. Minn din il-ġurisprudenza huwa ċar li prinċipju legali bażilari huwa li kull persuna għandha d-dritt li teżerċita d-drittijiet tagħha sakemm hija ma tabbużax minn dan id-

[12] Ara **Joseph Sammut et vs. Carmelo sive Charles Scerri et** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-6 t'Ottubru 2020. Ara wkoll il-ġurisprudenza kwotata f'**HSBC Bank (Malta) plc vs. Cerfar Ltd** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-3 ta' Lulju 2019.

dritt u ma jiġix muri li aġixxiet b'mod doluż jew vessatorju a skapitu ta' terzi. Fi kliem ieħor eżerċizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal għar-responsabbiltà għad-danni, sakemm dak id-dritt ma jkunx abbużat u jkun eżerċitat fil-limiti permessibbli mil-liġi. Huwa biss meta persuna taġixxi kapriċċosament jew b'*mala fede*, li tista' tkun responsabbli għad-danni li jsegwu l-aġir irresponsabbli tagħha. Il-prova li kien hemm abbuż mid-dritt u li kien hemm malintiż għandha tinġieb mill-attur. Li għandu jintwera huwa li kien hemm abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja; il-fatt waħdu li t-talbiet atturi ma jkunux intlaqgħu fis-sentenza finali ma jfissirx li kien hemm vessatorjetà.

31. Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali għall-każ odjern il-Qorti tqis illi l-attur naqas milli jressaq prova li l-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni mill-konvenuti kien dovut għall-abbuż jew għall-vessatorjetà. Il-fatt li l-konvenuti kienu jafu li bil-mandat ta' inibizzjoni kienu ser iwaqqfu lill-attur milli jissokta bil-likwidazzjoni, bħala werriet ta' Saviour Zammit, ma tistax tittieħed bħala prova ta' *mala fede* peress li l-konvenuti kienu qegħdin jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom u d-drittijiet li kienu qegħdin jippretendu li għandhom.

32. La darba naqas milli jġib din il-prova, il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi li l-pretensjoni tal-konvenuti b'dak il-Mandat kienet temerarja jew kapriċċuża. Il-fatt li fil-mori tal-kawża odjerna, l-konvenuti ma ngħatawx raġun mill-ewwel Qorti fil-kawża l-oħra mressqa minnhom fuq il-mertu (pendenti appell), ma jfissirx li kienu qed jaġixxu in *mala fede.* Kwindi ladarba kienu qegħdin jaġixxu sabiex jissalvagwardaw id-drittijiet u l-interessi tagħhom u fuq kollox ma ġiex muri mill-attur li kien hemm vessatorjetà min-naħa tal-konvenuti, m'għandhom qatt ikunu meqjusa bħala li aġixxew lil hinn mill-jedd tagħhom li jikkawtelaw il-pretensjonijiet tagħhom, irrispettivament jekk fil-mertu għandhom raġun jew le.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni tal-attur m'hijiex waħda intempestiva;

2. **Tilqa'** r-rimanenti eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

3. **Tiċħad** it-talbiet attur.

**Spejjeż** a karigu tal-attur.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
26 ta' Settembru 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**